IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 5.7.2017
COM(2017) 367 final

2017/0152 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

dwar is-soġġettar tas-sustanza psikoattiva ġdida N-fenil-N-[1-(2-feniletil) piperidin-4-yl] furan-2-karbossammid (furanilfentanil) għal miżuri ta' kontroll

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/387/ĠAI dwar l-iskambju ta' informazzjoni, il-valutazzjoni tar-riskju u l-kontroll fuq sustanzi[1] psikoattivi ġodda tipprovdi għal proċedura ta' tliet passi li tista' twassal biex sustanza psikoattiva ġdida tiġi sottoposta għal miżuri ta' kontroll fl-Unjoni.

Fit-23 ta' Jannar 2017, ġie ppubblikat rapport konġunt taċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga (EMCDDA) u l-Europol, imħejji f'konformità mal-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/387/ĠAI. Fit-28 ta' Frar 2017, wara t-talba li saret mill-Kummissjoni u disa' Stati Membri u skont l-Artikolu 6(1) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill imsemmija hawn fuq, il-Kunsill talab li ssir valutazzjoni tar-riskji kkawżati mill-użu, il-manifattura u t-traffikar tas-sustanza psikoattiva ġdida furanilfentanil, l-involviment tal-kriminalità organizzata u l-konsegwenzi possibbli tal-miżuri ta' kontroll introdotti dwar din is-sustanza.

Ir-riskji tal-furanilfentanil ġew ivvalutati mill-Kumitat Xjentifiku tal-EMCDDA, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 6(2), (3) u (4) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill. Il-President tal-Kumitat Xjentifiku ppreżenta r-rapport dwar il-valutazzjoni tar-riskju lill-Kummissjoni u lill-Kunsill fl-24 ta' Mejju 2017. Ir-riżultati ewlenin tal-valutazzjoni tar-riskju huma dawn li ġejjin:

- Il-furanilfentanil huwa opjojde sintentiku, relatat mill-qrib mal-fentanil li huwa kkontrollat internazzjonalment.
- Il-furanilfentanil ilu disponibbli fl-Unjoni Ewropea mill-inqas minn Ġunju 2015 u nstab f'16-il Stat Membru. Ġew irrapportati total ta' 23 każ ta' mewt bil-furanilfentanil minn ħames Stati Membri. Fl-aħħar 10 imwiet il-furanilfentanil kien il-kawża tal-mewt jew x'aktarx li kkontribwixxa għall-mewt.

Skont l-Artikolu 8(1) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/387/ĠAI, fi żmien sitt ġimgħat mid-data li fiha tirċievi r-rapport dwar il-valutazzjoni tar-riskji, il-Kummissjoni se tippreżenta lill-Kunsill jew inizjattiva biex is-sustanzi psikoattivi ġodda jiġu soġġetti għal miżuri ta' kontroll, inkella rapport li jispjega l-opinjonijiet tagħha dwar għaliex inizjattiva bħal din ma titqiesx meħtieġa. Skont is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-16 ta' April 2015 fil-Kawżi Konġunti C-317/13 u C-679/13 il-Parlament Ewropew għandu jiġi kkonsultat qabel ma att ibbażat fuq l-Artikolu 8(1) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/387/ĠAI jiġi adottat.

Abbażi tas-sejbiet tar-rapport tal-valutazzjoni tar-riskju, il-Kummissjoni tqis li hemm raġunijiet biex is-sustanza tiġi soġġetta għal miżuri ta' kontroll madwar l-Unjoni. Skont ir-rapport ta' valutazzjoni tar-riskju, it-tossiċità akuta tal-furanilfentanil jista' jikkawża ħsara kbira għas-saħħa tal-individwi.

2. L-OBJETTIV TAL-PROPOSTA

L-objettiv ta' din il-proposta għal Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill huwa li l-Istati Membri jintalbu jissoġġettaw il-furanilfentanil għal miżuri ta' kontroll u pieni kriminali, kif stipulat mil-leġiżlazzjoni tagħhom bis-saħħa tal-obbligi tagħhom skont il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar is-Sustanzi Psikotropiċi tal-1971.

[1] ĠU L 127, 20.5.2005, p. 32.

2017/0152 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

dwar is-soġġettar tas-sustanza psikoattiva ġdida N-fenil-N-[1-(2-feniletil) piperidin-4-yl] furan-2-karbossammid (furanilfentanil) għal miżuri ta' kontroll

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/387/ĠAI tal-10 ta' Mejju 2005 dwar l-iskambju ta' informazzjoni, il-valutazzjoni tar-riskju u l-kontroll fuq sustanzi psikoattivi ġodda[2], u b'mod partikolari l-Artikolu 8(3) tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew[3],

Billi:

(1) Tfassal rapport dwar il-valutazzjoni tar-riskji dwar is-sustanza psikoattiva ġdida *N*-fenil-*N*-[(1-(2-feniletil)piperidin-4-yl)]furan-2-karbossammid (furanilfentanil)b'mod konformi mal-Artikolu 6 tad-Deċiżjoni 2005/387/ĠAI minn sessjoni speċjali tal-Kumitat Xjentifiku estiż taċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga, u sussegwentement intbagħat lill-Kummissjoni u lill-Kunsill fl-24 ta' Frar 2017.

(2) Il-furanilfentanil huwa oppjojde sintetiku u huwa strutturalment simili għall-fentanil, sustanza kkontrollata użata fil-mediċina bħala adittiv fl-anestesija ġenerali waqt il-kirurġija u għall-immaniġġjar tal-uġigħ. Il-furanilfentanil huwa wkoll strutturalment relatat mal-aċetilfentanil u l-akrilojlfentanil, li t-tnejn li huma kienu s-suġġett ta' Rapport Konġunt tal-EMCDDA-Europol f'Diċembru 2015 u f'Diċembru 2016.

(3) Il-furanilfentanil ilu disponibbli fl-Unjoni mill-inqas minn Ġunju 2015 u nstab f'16-il Stat Membru. F'ħafna każijiet kien issekwestrat f'forma ta' trab, iżda wkoll f'forma likwida u bħala pilloli. Il-kwantitajiet misjubin huma relattivament żgħar. Madankollu, dawn jenħtieġ li jitqiesu fil-kuntest tal-qawwa tas-sustanza.

(4) Ġew irrapportati 23 każ ta' mewt bil-furanilfentanil minn ħames Stati Membri. F'mill-inqas 10 imwiet il-furanilfentanil kien il-kawża tal-mewt jew x'aktarx li kkontribwixxa għall-mewt. Barra minn hekk, 11-il każ mhux fatali ta' intossikazzjoni akuta assoċjati mal-furanilfentanil kienu rrapurtati minn tliet Stati Membri.

(5) Ma hemm ebda informazzjoni li tissuġġerixxi l-involviment tal-kriminalità organizzata fil-manifattura, id-distribuzzjoni (it-traffikar) u l-forniment tal-furanilfentanil fl-Unjoni. Id-dejta disponibbli tissuġġerixxi li l-furanilfentanil huwa prodott minn kumpaniji kimiċi bbażati fiċ-Ċina.

---

2 ĠU L 127, 20.5.2005, p. 32.

3 ĠU C , , p. .

(6) Il-furanilfentanil tinbiegħ fuq l-internet f'ammonti żgħar u bl-ingrossa bħala "kimika għar-riċerka", tipikament bħala trab u sprej tal-imnieħer lest biex jintuża. Informazzjoni minn sekwestri tissuġġerixxi li l-furanilfentanil jaf kien mibjugħ fuq is-suq illeċitu tal-opjojdi.

(7) Il-furanilfentanil ma għandu l-ebda użu mediku għall-bniedem jew veterinarju rikonoxxut fl-Unjoni. Ma hemm l-ebda indikazzjoni li l-furanilfentanil jista' jintuża għal kwalunkwe skop ieħor minbarra bħala standard analitiku ta' referenza u fir-riċerka xjentifika.

(8) Ir-rapport dwar il-valutazzjoni tar-riskju juri li bosta mistoqsijiet relatati mal-furanilfentanil li jitqiegħdu minħabba n-nuqqas ta' dejta dwar ir-riskji għas-saħħa individwali, ir-riskji għas-saħħa pubblika, u r-riskji soċjali, jistgħu jitwieġbu permezz ta' iktar riċerka. Madankollu, l-evidenza u l-informazzjoni disponibbli dwar ir-riskji tas-saħħa u soċjali li toħloq din is-sustanza, anki minħabba s-similaritajiet mal-fentanil, jipprovdu bażi suffiċjenti biex il-furanilfentanil tiġi sottoposta għal miżuri ta' kontroll fl-Unjoni kollha.

(9) Il-furanilfentanil mhuwiex elenkat għall-kontroll skont il-Konvenzjoni Unika tan-Nazzjonijiet Uniti tal-1961 dwar id-Drogi Narkotiċi jew skont il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti tal-1971 dwar Sustanzi Psikotropiċi. Is-sustanza bħalissa mhijiex qed tiġi vvalutata mis-sistema tan-Nazzjonijiet Uniti.

(10) Billi 10 Stati Membri jikkontrollaw il-furanilfentanil fil-leġiżlazzjoni nazzjonali għall-kontroll tad-drogi u tliet Stati Membri jikkontrollaw il-furanilfentanil taħt leġiżlazzjoni oħra, li din is-sustanza tkun sottoposta għal miżuri ta' kontroll fl-Unjoni kollha jista' jgħin biex jiġi evitat li jfeġġu ostakli fl-infurzar tal-liġi u l-kooperazzjoni ġudizzjarja transfruntieri, u jgħin fil-protezzjoni mir-riskji li d-disponibbiltà u l-użu tagħha jistgħu joħolqu.

(11) Id-Deċiżjoni 2005/387/ĠAI tikkonferixxi setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kunsill bil-ħsieb li jkun hemm reazzjoni rapida u bbażata fuq kompetenza esperta fil-livell tal-Unjoni fil-każ li jfiġġu sustanzi psikoattivi ġodda individwati u rrappurtati mill-Istati Membri, billi tissottoponi dawk is-sustanzi għal miżuri ta' kontroll fl-Unjoni kollha. Billi l-kondizzjonijiet u l-proċedura biex jiġi attivat l-eżerċizzju ta' tali setgħat ta' implimentazzjoni ġew issodisfati, għandha tiġi adottata deċiżjoni ta' implimentazzjoni sabiex l-furanilfentanil jitqiegħed taħt kontroll fl-Unjoni kollha.

(12) Id-Danimarka hi marbuta bid-Deċiżjoni 2005/387/ĠAI u għalhekk qed tieħu sehem fl-adozzjoni u l-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni, li timplimenta d-Deċiżjoni 2005/387/ĠAI.

(13) L-Irlanda hi marbuta bid-Deċiżjoni 2005/387/ĠAI u għalhekk qed tieħu sehem fl-adozzjoni u l-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni, li timplimenta d-Deċiżjoni 2005/387/ĠAI.

(14) Ir-Renju Unit mhuwiex marbut bid-Deċiżjoni 2005/387/ĠAI u għalhekk mhux qed jieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni, li timplimenta d-Deċiżjoni 2005/387/ĠAI u mhuwiex marbut biha jew soġġett għall-applikazzjoni tagħha,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Is-sostanza psikoattiva ġdida N-fenil-N-[1-(2-feniletil) piperidin-4-yl] furan-2-karbossammid (furanilfentanil) għandha tkun soġġetta għal miżuri ta' kontroll mal-Unjoni.

Artikolu 2

Sa *[sena mid-data li fiha tiġi ppubblikata din id-Deċiżjoni]* l-aktar tard, l-Istati Membri jieħdu l-miżuri meħtieġa, skont il-liġi nazzjonali tagħhom, biex is-sustanza psikoattiva l-ġdida msemmija fl-Artikolu 1 tkun soġġetta għal miżuri ta' kontroll u pieni kriminali, kif previst fil-leġiżlazzjoni tagħhom b'mod konformi mal-obbligi tagħhom skont il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti tal-1971 dwar is-Sustanzi Psikotropiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.
Din id-Deċiżjoni għandha tapplika skont it-Trattati.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President